

# IL-PRATTIKA QADDISA TAL-KWARANTURI

## *X'nisiltu minnha għal ħajjitna*

Kan. **Geoffrey George Attard**

It-terminu 'Kwaranturi' ġej mit-Taljan 'quaranta ore' li tfisser f'ilsienna 'erbgħin siegħa' ta' talb fil-preżenza ta' Ġesù Sagramentat espost solennement. Tradizzjonalment, din l-forma ta' talb kienet issir fis-sigħat ta' qabel il-bidu tar-Randan, mill-Ħadd magħruf bħala Quinquagesima għat-Tlieta ta' qabel Ras ir-Randan imma tista' ssir fi ġranet oħra wkoll.



**Frak qosra tal-istorja**

Matul il-Ġimgħa Mqaddsa, il-fidili kienu jishru fil-knejjes quddiem ir-rappreżentazzjoni tal-qabar ta' Kristu mill-mument tal-mewt tiegħu sal-Qawmien, li kien jiġi ċċelebrat fil-purċissjoni tal-Għid il-Kbir. Dan kien il-perijodu li jieħu madwar erbgħin siegħa. In-numru simboliku ta' erbgħin siegħa li Ġesù għadda fil-qalba tal-art imorru lura għal tradizzjoni antika msemmija minn Santu Wistin fit-trattat tiegħu *De Trinitate* IV, 6. Il-qima lejn Ġesù fil-qabar – li f'ħafna partijiet tal-Ewropa medjevali saret qisha gwardja fil-preżenza tal-Ġisem Ewkaristiku – kienet ripetuta 'l barra mill-Ġimgħa Mqaddsa u taf il-bidu tagħha fis-seklu 16, bi tweġiba għaċ-ċaħda tat-twemmin fil-Preżenza Reali ta' Ġesù fl-Ostja Mqaddsa mħaddna mill-Protestanti. Id-drawwa dehret għall-ewwel darba f'Milan fis-sena 1527 waqt li kienu qed iseħħu diversi gwerer f'Ruma u anke fid-dukat ta' Milan innifsu. Il-Kapuċċini u l-Barnabiti kienu fost l-aktar li xerrdu din il-qima. Imbagħad nhar il-25 ta' Novembru 1592, il-Papa Klement VIII fil-Kostituzzjoni *Graves et diurturnae*, organizza l-Erbgħin Siegħa tal-Kwaranturi f'Ruma. Il-festa kompliet tikber maż-żmien, bl-approvazzjoni ta' diversi papiet.

**Prattika spiritwali**

Fil-gżejjer Maltin, ħafna huma dawk il-parroċċi u knejjes li jiċċelebraw il-Festa tal-Kwaranturi. Hemm min jiċċelebrahom b'tali mod li jikkonċidu mas-Solennita' tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Sidna

Ġesù Kristu, jiġifieri Korpus, li taħbat bejn Mejju u Ġunju. Parroċċi oħrajn f'Għawdex jiċċelebraw din il-festa fi tmiem is-sena ċivili, jiġifieri bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena s-Solennita' ta' Marija Omm Alla. Fil-knisja ta' Santa Luċija, il-Kwaranturi jsiru qabel il-festa ta' Santa Luċija Verġni u Martri, patruna tal-lokalita'.

L-għan ta' din il-prattika qaddisa huwa prinċipalment wieħed: li titkattar il-qima lejn il-Preżenza Reali ta' Ġesù fis-Santissimu Sagrament tal-Altar. Ġeneralment, il-Kwaranturi jiftħu b'Quddiesa il-Ġimgħa filgħaxija u jintemmu b'Quddiesa ta' Radd il-Ħajr il-Ħadd wara nofsinhar b'purċissjoni qasira fil-knisja jew anke 'l barra mill-knisja rispettiva. L-għan tal-purċissjoni huwa li l-qima lejn Ġesù Sagramentat tingħata wkoll dimensjoni esterjuri. Dan jagħmel ħafna sens meta wieħed iqis li fi tmiem is-sena liturġika, wieħed jiċċelebra s-Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu. Permezz tal-purċissjoni, aħna nuru li nirrikonoxxu lil Ġesù bħala Sultan tal-univers; ma hemm xejn li ma jaqax taħt il-ħakma spiritwali tiegħu.

**L-Ewkaristija**

Il-qima lejn Ġesù tista' tingħata diversi forom. Wieħed



jista' jagħti qima lill-Qalb Imqaddsa tiegħu; oħrajn jistgħu jippreferu li jqimu l-Misteru tas-Salib. Fis-Solennità ta' Kristu Re, aħna nqimu r-Regalità Divina tiegħu. L-Ewkaristija tiġbor dawn id-diversi aspetti kollha flimkien. Kien il-Papa Ġwanni Pawlu II, illum qaddis, li permezz tal-enċiklika tiegħu *Ecclesia De Eucharistia* (April 2003) ġabar fil-qosor it-tagħlim kollu tal-Knisja dwar l-Ewkaristija, mifrux fuq żewġ millennji. Bil-Malti, it-titlu ta' din l-aħħar enċiklika tal-Papa tfisser 'Il-Knisja teżisti mill-Ewkaristija'. F'Ottubru 2004, il-Papa qaddis Pollakk ħareġ Ittra Appostolika bl-isem *Mane Nobiscum Domine* li b'ilsienna tfisser 'Ibqa' magħna Mulej'. Huwa f'Luqa 24: 29 li nsibu dawn il-kelmiet fil-qalba tal-episodju tad-dixxipli ta' Emmaws. Kollox juri li dawn iż-żewġ dokumenti jirrappreżentaw it-testment spiritwali ta' dan il-Papa mistiku; aktar ma ħassu qed joqrob lejn it-tmiem tal-vjaġġ tiegħu fuq l-art, il-Papa aktar ħass li għandu jħallilna riflessjonijiet dwar dak li hu l-aktar importanti fil-ħajja spiritwali tiegħu.



**Il-messaġġ għalina**

Il-messaġġ li jagħtina l-papa qaddis li miet fit-2 ta' April 2005 huwa li għandna nqegħdu l-Ewkaristija fiċ-ċentru tal-ħajja tagħna. Għalhekk, il-festa solenni tal-Kwaranturi hija appuntament annwali ma' Ġesù Ewkaristija biex permezz tagħha aħna nqattgħu aktar ħin fil-preżenza ta' Ġesù. Hawnhekk jiġi f'moħħi l-kliem tal-awtur Ingliż J. R. R. Tolkien permezz ta' ittra li kiteb lil ibnu fejn iddeskrivielu l-Ewkaristija bħala "a fleeting glimpse of an unfallen world" (Ittra 55). F'ittra oħra hu qallu hekk: "Out of the darkness of my life, so much frustrated, I put before you the one great thing to love on earth: the Blessed Sacrament ... There you will find romance, glory, honour, fidelity, and the true way of all **your** loves upon earth." (traduzzjoni: 'Mid-dalma ta' ħajti, bil-frustrazzjonijiet kollha tagħha, jien inqiegħed quddiemkom l-akbar imħabba fuq din l-art: is-Santissimu Sagrament...fih għandek issib imħabba, glorja, fedelta' u t-triq li twassal għall-imħabbiet l-oħra kollha fid-dinja'). Jekk awturi kbar li għamlu isem fid-dinja kienu jħossu l-ħtieġa li jħobbu l-Misteru tal-Preżenza Reali ta' Ġesù Ewkaristija fis-sagrament li jġib l-istess isem, mela kemm aktar aħna bħala Insara neħtieġu lil Ġesu'!

**Konklużjoni**

Ġesu' Ewkaristija għandu jkun fiċ-ċentru ta' kull ħsieb tagħna. Ruħ Ewkaristika mhijiex biss dik li tqatta' ħin fil-preżenza ta' Ġesù Sagramentat; jekk fil-bidu tal-ġurnata nsellmulu minn ġo darna stess u nżommuh f'qalbna biex jakkumpanjana, hekk ukoll nistgħu nsiru erwieħ Ewkaristiċi. Jekk nirrepetu sikwit f'qalbna xi ġakulatorja Ewkaristika, ukoll nibdew ingawdu minn dik is-sħana li l-qalb tagħna teħtieġ sabiex ħajjitna jkun fiha sens u direzzjoni. F'dinja li fiha tant affarijiet li jaljenawna, ifixkluna u jħawdulna l-prijoritajiet, kull ma jeħtieġ li nagħmlu hu li nintelqu f'riġlejn Ġesù Ewkaristija u nafdawlu ħajjitna... u ma jiddispjaċiniex żgur!